MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 8/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Anthony Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta’ Mejju, 2005, f’San Pawl il-Bahar, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alfred Micallef peress li kkagunalhu sfregju fil-wicc skond ma ccertifika Dr. I. Micallef M.D, Reg. No. 2322 tal-poliklinika tal-Mosta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 218 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati li kkaguna feriti ta’ natura

hafifa fuq il-persuna ta’ Alfred Micallef u ghalhekk iddecidiet li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mija w hamsin Euro (€350) filwaqt li ddikjarat li ma sabitux hati li kkagunalu feriti ta’ natura gravi w illiberatu minn din l-akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-parti fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx htija lill-appellant li kkaguna feriti ta’ natura gravi w illiberatu minn din l-akkuza, tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati li kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alfred Micallef u fejn iddecidiet li tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tlitt mija w hamsin Euro (€350).

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li dan kien kaz car ta' legittima difeza fejn l-appellant, persuna anzjana, gie pprovokat minn erbgha minn nies meta kien wahdu. Hu ghamel kull ma seta' biex jiddefendi ruhu w spicca msawwat hu stess. L-Ewwel Qorti ghalhekk ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma tatx widen bizzejjed ghax-xiehda ewlenija tal-appellant. 2. L-Ewwel Qorti ma setghget qatt issib lill-appellant hati ta' ferita hafifa fuq il-persuna ta' Alfred Micallef stante li hu gie akkuzat  b' ferita gravi w ma giex akkuzat b' ferita ta' natura hafifa. 3. L-Ewwel Qorti injorat il-fatt illi l-eghmil ta' Alfred Micallef u t-tfal tieghu u Anthony Muscat, li kellu incident iehor mal-appellant. Dawn flimkien kienu qeghdin joholqu provokazzjoni b'eghmilhom fic-cirkostanzi. 4. Minghajr pregudizzju, l-Ewwel Qorti naqset ukoll li tippronunzja ruha ghall-akkuza tal-pussess ta' arma irregolari fil-konfront tal-appellant.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Jintqal mill-ewwel li l-fatt li l-appellant kien gie akkuzat b' offiza ta' natura gravi bl-ebda mod ma kien jimpedixxi lill-Ewwel Qorti li ssibu hati biss tar-reat kompriz u involut ta' offiza ta' natura hafifa. Dan jiddisponi mit-tielet aggravju tal-appellant fuq riprodott, li hu guridikament zbaljat.

Jintqal ukoll li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar dik il-parti tal-akkuza li taqra : *"u talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma irregolari u cioe' foxxna"*, ma johloq ebda nullita', ghax proprjament ma jezisti ebda reat ta' pussess ta' arma irregolari. Di fatti l-"armi irregolari" jissemmew biss in linea ta' definizzjoni fl-artikolu 64 (2) tal-Kodici Kriminali biex issir distinzjoni bejnhom u l-armi regolari imsemmija fis-subartikolu (1). Kull ma tghid il-ligi fis-subartikolu (2) hu li l-*"armi, strumenti u ghodod ohra kollha ma jitqiesux bhala armi hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza, u f' dan il-kaz jissejjhu armi irregulari."*

Pero' imkien fil-Kodici Kriminali ma jinholoq ir-reat ta' pussess t' arma irregolari. Umbaghad l-Att Dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) mhux talli ma johloq ebda reat simili izda sahansitra lanqas biss isemmi armi irregolari. Jsemmi biss "armi regolari" w fl-art. 2 jghid li din il-frazi ghandha l-istess tifsira moghtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali w ghandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f' dan l-artikolu.  L-armi *"irregolari"* mhuma bl-ebda mod regolati b' din il-ligi specjali.

Ghalhekk l-uzu tal-kliem in kwistjoni fl-akkuza jista' jiftiehem biss fis-sens li l-offiza gravi li biha kien qed jigi akkuzat l-appellant ma kienetx saret b' arma regloari w li ghalhekk ma kienx applikabbli l-artikolu 217 ghar-reat dedott u mhux li hemm ukoll akkuza ta' pussess t' arma irregolari. Ergo l-Ewwel Qorti ma kelliex ghalfejn tippronunzja ruha dwar dan. Kwindi r-raba aggravju qed jigi respint.

Fl-ewwel u t-tieni aggravju li, jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti *ut sic,* l-appellant donnu qed jinvoka kemm id-difiza ta' "*self defence"* kif ukoll dik tal-provokazzjoni,

minkejja li kif inhu redatt l-ewwel aggravju jidher li qed ihallat wahda mal-ohra w juzhom indiskriminatament.

Illi fejn l-appell ikun jinvolvi l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fuq il-provi traskritti li jkunu jinsabu fl-atti processwali, dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, li l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

"Illi appropositu ta' dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Din il-Qorti proprju ghamlet dan l-ezami tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx issib lill-appellant hati tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alfred Micallef.

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, irriepilogat fid-dettall ix-xiehda tal-persuni li kienu prezenti waqt l-

incident, inkluzi l-appellant u l-allegat vittma huh Alfred Micallef . Hija immotivat sew u b' mod logiku l-apprezzament tal-fatti li gew deposti quddiemha b' mod li setghet tevalwhom bl-ahjar mod possibbli. L-Ewwel Qorti kienet ikkonkludiet li kien l-appellant li beda l-incident, meta laqa' lil huh u lil certu Muscat li kien qed jakkompanjah milli jghaddu minn trejqa vicin ir-razzett tieghu li huh ghandu dritt li jghaddi minnha.

Ghalkemm l-appellant ta versjoni li kien hu li gie aggredit, dan hu kontradett kemm minn huh Alfred Micallef, minn Muscat u miz-zewg ulied tal-allegat vittma David u Chris Micallef, li xehdu li huma kienu waslu fuq il-post wara li semghu l-ghajjat u li dak il-hin missierhom diga' kellu d-demm f' wiccu. L-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tabbraccja l-versjoni tal-vittma Alfred Micallef, kif korroborata minn uliedu w minn Muscat, u tiskarta dik tal-appellant u setghet temmen li l-appellant kien beda' l-incident billi pponta foxxna li kellu f' idejh hekk kif il-vittma u Muscat gew biex jghaddu minn hdejn.

Illi mhux kull konflitt fil-provi necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata izda min ghandu jiggudika fuq il-fatti ghandu jara lil min ser jemmen u f' hix ser jemmnu w ma jemmnux skond il-kriterji enuncjati fil-ligi fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali (ara app. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn). L-Ewwel Qorti kienet fl-ahjar pozizzjoni li taghmel dan ghax semghet ix-xiehda kollha *viva voce* w setghet taghmel l-ahjar apprezament tal-kredibilita' o meno taghhom.

Fic-cirkostanzi, la jidher li jirrizulta, anki fuq bazi ta' probabbilita' biss, li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi w inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f' persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci iqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejegixxi kif irrejagixxa. Ghalhekk la jidhru li jezistu l-estremi ta' "legittima difesa" w lanqas dawk tal-provokazzjoni.

Ghalhekk is-sentenza li sabet lill-appellant hati biss tar-reat kompriz u involut ta' offiza ta' natura hafifa minghajr l-iskuzanti tal-"legittima difesa" jew tal-attenwanti tal-provokazzjoni tidher li hi wahda "*safe and satisfactory"* u din il-Qorti tqis li ma hemmx raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------